



# ID-DRITTIJIET TAL- KONSUMATURI

## Ewropej tal-Enerġija

Dak li tikseb bħala konsumatur  
tal-enerġija bil-leġiżlazzjoni Ewropea

**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet  
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.**

**Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (\*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(\*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefoni ġeneralment huma b'xejn  
(għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Ħafna informazzjoni addizzjonal dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbi fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikkazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015

Print ISBN 978-92-79-45148-5 doi:10.2833/89606 MJ-04-15-029-MT-C

PDF ISBN 978-92-79-45128-7 doi:10.2833/952180 MJ-04-15-029-MT-N

© L-Unjoni Ewropea, 2015

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jisseemma s-sors oriġinali.

*Printed in Belgium*

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)

Ritratti:

©VLADGRIN/iStock/Thinkstock; ©Syntika/iStock/Thinkstock; ©Studiogstock/iStock/Thinkstock; ©Venimo/iStock/Thinkstock;  
©Sridhata/iStock/Thinkstock; ©Bannosuke/iStock/Thinkstock; ©Lislud/iStock/Thinkstock; ©Snkan Ħaż?r/Herrera/Thinkstock;  
©Vectoraart/iStock/Thinkstock; ©Robert Churchill/iStock/Thinkstock; ©Vadim+Shulepnikov/Herrera/Thinkstock;  
©Johavel/iStock/Thinkstock; ©istrejman/iStock/Thinkstock



Minbarra d-drittijiet ġenerali tal-konsumaturi ggarantiti fil-leġiżlazzjoni tal-UE<sup>1</sup>, mill-ftuħ tas-suq tal-forniment tal-enerġija 'l hawn, l-UE ddefinixxiet għadd ta' drittijiet li jgawdu minnhom iċ-ċittadini kollha tal-UE bħala konsumaturi tal-enerġija. L-għan ta' dawn id-drittijiet huwa li jgħinu lilek, fost oħra jn, tikkorda arranġamenti atħjar, u ssegwi u tiġġestjona l-użu tiegħek tal-enerġija.

Id-drittijiet tiegħek bħala konsumatur tal-enerġija jridu jkunu stabbiliti b'mod ċar fil-liġjiet nazzjonali ta' pajjiżek u jridu jirriflettu d-dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni tal-UE<sup>2</sup>. Fuq din il-bażi, il-leġiżlazzjoni nazzjonali trid tiggarantilek id-dritt għal...

<sup>1</sup> Il-leġiżlazzjoni favur il-konsumaturi: Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-konsumatur. Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur; Id-Direttiva 2005/29/KEE dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur.

<sup>2</sup> Leġiżlazzjoni dwar l-enerġija: Il-leġiżlazzjoni dwar l-enerġija Id-Direttiva 2009/72/KEE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u d-Direttiva 2009/73/KEE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali. Id-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija u d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. Id-Direttiva 2010/30/UE dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija. Id-Direttiva 2009/28/KEE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KEE u 2003/30/KE.






## 1. Konnessjoni mal-elettriku

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali trid tiggarantilek id-dritt għal...*

*... qabbad darek man-netwerk tal-elettriku lokali għall-forniment tal-elettriku.*

Għandek id-dritt li **tqabbad darek** man-netwerk tal-elettriku lokali għall-forniment tal-elettriku. Il-konnessjoni jagħmil hielek l-operatur tan-netwerk li jħaddem l-infrastruttura tal-elettriku allokat għaż-żona lokali tiegħek (kull netwerk lokali għandu biss operatur wieħed allokat). It-termini, il-kundizzjonijiet u t-tariffi għal din il-konnessjoni jiġu ssorveljati mill-Awtorità Regolatorja Nazzjonali ta' pajjiżek. Dan il-korp jissorvelja wkoll lill-operatur tan-netwerk lokali biex jara li dan qiegħed jiżgura l-funzjament tajjeb tal-infrastruttura lokali.





## 2. Għażla tal-fornitur

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali trid tiggarantilek id-dritt għal...

... agħiżel il-fornitur tiegħek u agħimel kuntratt ma' kwalunkwe fornitur tal-elettriku u/jew tal-gass fl-UE li joffrilek servizz.

Minkejja li ma tistax tieħu sehem fid-deċiżjoni ta' min jingħażel bħala operatur tan-netwerk taż-żona tiegħek, inti liberu li tagħżel il-fornitur tal-enerġija li trid int minn fost **il-fornituri kollha tal-UE** li jagħtu servizz fiziż-żona tiegħek. L-operatur tan-netwerk ma jistax joffri l-forniment tal-enerġija hu. F'każ li l-operatur tan-netwerk jifformha parti minn kumpanija ikbar li tforri l-enerġija, l-operatur tan-netwerk għandu jkollu identità viżiva separata biex ma jitħallatx mal-parti tal-kumpanija li tforri l-enerġija. Tista' tagħżel fornitur tal-elettriku u/jew tal-gass li jkun irreġistrat fi Stat Membru ieħor, sakemm dan il-fornitur joffri s-servizz fiziż-żona tiegħek ukoll u lest li jiftiehem miegħek dwar kuntratt.





### 3. Tibdil tal-fornitur faċli u malajr

Il-leġiżlazzjoni nazzjonalni trid tiggarantilek id-dritt għal...

... ibdel il-fornitur tal-elettriku u/jew tal-gass tiegħek faċilment u malajr, mingħajr ma tħallas iżjed.



Jekk inti tiddeċiedi li **tibdel il-fornitur** tal-elettriku jew tal-gass, ma tiġix iċċarġjat tal-bidla. L-operatur tan-netwerk fiż-żona tiegħek huwa obbligat li jwettaq il-bidla fi żmien tliet ġimġħat, sakemm inti tirrispetta t-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt oriġinali (eż. il-perjodu tan-nowtis, it-tul minimu miftiehem tal-kuntratt). Il-fornituri tal-elettriku u/jew tal-gass ma jistgħux jimponu obbligi sproporzjonati li jwaqqfuk milli tibdel minn wieħed għall-ieħor. Għandek tirċievi l-aħħar għeluq tal-kont tiegħek mingħand il-fornitur ta' qabel fi żmien sitt ġimġħat, u mhux aktar tard, wara li tibdel il-fornitur,



## 4. Informazzjoni ċara dwar il-kuntratt u d-dritt li tirtira minnu

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali trid tiggarantilek id-dritt għal...

... qabel ma tiffirma kuntratt, tieku l-informazzjoni ċara dwaru, u tiġi avżat minn qabel jekk ikunu se jsiru xi tibdiliet fil-kuntratt, ikollok ukoll il-possibbiltà li twaqqaf il-kuntratt jekk il-kundizzjonijiet il-għodda ma jkunux aċċettabbli għalik. Għandek id-dritt ukoll li tirtira minn kuntratt ġdid sa 14-il jum wara li dan ikun ġie ffirmat jekk il-kuntratt ikun sar barra mill-post tan-negożju tal-fornitur jew permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod (bħall-Internet jew it-telefown).

**Il-kuntratt** tiegħek mal-fornitur tal-elettriku u/jew tal-gass tiegħek irid jinkludi d-dettalji li juru:

- isem il-fornitur u l-indirizz tiegħu;
- it-tip ta' forniment jew servizz, il-kwalità u d-data tal-bidu tiegħu;
- it-tip ta' servizz ta' manutenzjoni offrut;
- kif għandek tikseb l-informazzjoni dwar it-tariffi u spejjeż tal-manutenzjoni;
- għal kemm żmien hu l-kuntratt, il-kundizzjonijiet biex jiġġedded, biex tirtira minnu jew biex ittemmu;
- il-kumpens jew ir-rifużjoni li għandek dritt għalihom jekk il-fornitur ma jissodisfax l-obbligi tiegħu;
- x'għandek tagħmel jekk ikollok xi lment, u kif jissolva t-tilwim.



Il-fornitur huwa meħtieġ li jipprovvidek din l-informazzjoni qabel ma tiffirma l-kuntratt. Il-kuntratt irid ikun ċar u li jinftiehem u jevita ostakoli li mhumiex kuntrattwali (eż. dokumentazzjoni eċċessiva).

Jekk ikkonkludejt il-kuntratt għall-forniment tal-elettriku u/jew tal-gass barra mill-istabbiliment tal-fornitur (pereżempju f'darek jew fil-post tax-xogħol tiegħek) jew permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod (bħall-Internet jew it-telefown), xorta għad għandek il-possibbiltà li tirtira minnu (eż. jekk tbiddel fehmek) fi żmien 14- il-jum mill-konklużjoni tiegħu.

Jekk il-kuntratt jippermetti lill-fornitur tal-elettriku u/jew tal-gass ivarja l-prezzijiet tal-enerġija, il-kuntratt għandu jiddikjara b'mod ċar għal liema raġunijiet jista' jsir hekk u l-metodu li bih għand-hom jinbidlu l-prezzijiet. Il-fornitur irid jinfurmak minn qabel jekk ikun beħsiebu jdaħħal xi tibdil fil-kuntratt jew fil-prezzijiet. Iż-żidiet fil-prezzijiet iridu jiġu kkomunikati lilek b'mod trasparenti u li jinftiehem. Inti liberu li ttemm il-kuntratt jekk ma taċċettax il-kundizzjonijiet il-ġoddha jew iż-żidiet fil-prezzijiet deċiżi mill-fornitur.



## 5. Informazzjoni preċiża dwar il-konsum tiegħek u l-kontijiet abbażi ta' dan il-konsum

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali trid tiggarantilek id-dritt għal...*

*... ikollok aċċess għal informazzjoni preċiża dwar il-konsum tiegħek tal-elettriku u/jew tal-gass sabiex tkun tista' tirregola l-konsum tal-enerġija tiegħek, u l-kontijiet li tirċievi jkunu bbażati fuq il-konsum reali.*

L-informazzjoni dwar l-użu reali tiegħek tal-enerġija trid tintbagħħatlek biżżejjed spiss li tkun tista' tirregola kemm tuża enerġija. Inti intitolat li jkollok għad-dispożizzjoni tiegħek id-dejta dwar il-konsum tiegħek, mingħajr ma tħallas iż-żejt. Għandek id-dritt li tagħti l-istruzzjonijiet lill-maniġer tad-dejta li jagħti aċċess għal din id-dejta lil forniture tal-elettriku u/jew tal-gass oħra, u ma għandekx tiġi ċċarġjat għal dan is-servizz.

Jekk ikollok miter intelliġenti, inti intitolat għal aċċess faċċi u bla ħlas għal informazzjoni storika dettal-jata dwar il-konsum tal-enerġija tiegħek (għal kuljum, kull ġimġha, kull xahar u kull sena) taħt il-kuntratt ta' fornitment attwali tiegħek mill-inqas għas-sentejn preċedenti. Inti intitolat ukoll għal aċċess għal dejta kumulattiva dwar il-konsum tiegħek mill-inqas għat-tliet snin preċedenti jew sa mill-bidu tal-kuntratt tal-forniment attwali tiegħek, jekk dan il-perjodu jkun iqsar.

Għandek id-dritt li jkollok miter li jagħti kejl preċiż individwali għall-elettriku u/jew għall-gass bi prezz kompetittiv (minbarra t-tiċċin/t-kkien tad-dar u misħun ipprovduti mid-distrett) meta ssir konnessjoni f'bini ġdid jew meta binja ssirilha rinnovazzjoni kbira. F'każijiet oħra, jaapplika d-dritt li wieħed ikollu miter individwali li jagħti kejl preċiż bi prezz kompetittiv, sakemm ma jkunux ġew identifikati ostakoli tekniċi jew finanzjarji għal dan is-servizz.



## 6. Informazzjoni dwar kif għandek tuża l-enerġija b'mod aktar effiċjenti u dwar x'tibbenifika jekk tuża l-enerġija minn sorsi rinnovabbli

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali trid tiggarantilek id-dritt għal...*

*... kun infurmat tajjeb dwar x'tista' tibbenifika bl-użu ta' tagħmir u vetturi li jużaw l-enerġija rinnovabbli u kun infurmat tajjeb dwar kemm tuża enerġija u kif għandek tagħmel biex tagħmel użu aktar effiċjenti mill-enerġija.*

Sakemm ma jiddeċidux mod ieħor l-awtoritajiet nazzjonali tiegħek, il-kontijiet tal-enerġija, il-kuntratti, it-transazzjonijiet u r-riċevuti tiegħek għandhom juru b'mod ċar:

- il-prezzijiet reali kurrenti u kemm tkun użajt enerġija;
- paragun ma' kemm tkun użajt fl-istess perjodu fis-sena ta' qabel;
- lil min għandek tkellem biex issir taf kif għandek tagħmel biex tiffranka l-enerġija, pereżempju organizzazzjonijiet għall-konsumaturi, aġenziji tal-enerġija jew korpi simili, bl-indirizzi tas-siti tal-internet u, jekk ikun possibbli u utli, paraguni ma' tipi ta' klijenti simili.



Meta tixtri apparati elettrodomestiċi (bħal friġis, friżers, magni tal-ħasil, tumble driers, dixwoxers, franttal-elettriku, televixins, lampi u air conditioners), għandek id-dritt li tkun infurmat dwar kemm jaħlu enerġija dawn l-apparati u tagħżejjel prodotti iż-żejed effiċċenti. Il-ħwienet iridu juru **t-tikketta tal-enerġija tal-UE** flimkien ma' fuljett b'informazzjoni ddettaljata dwar il-prestazzjoni tal-prodott.

Meta tkun qed tikkunsidra tqiegħed jew tbiddel stallazzjoni li tipproduċi l-elettriku jew it-tiġi minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inti intitolat li tirċievi informazzjoni mill-fornitur tat-tagħmir jew mill-awtorità nazzjonali maħtura dwar il-benefiċċji, l-ispejjeż u l-effiċċenza enerġetika ta' tali tagħmir.

Il-fornitur tal-elettriku tiegħek għandu jipprov dlekk l-informazzjoni dwar il-kombinazzjoni tas-sorsi tal-enerġija tiegħu (rinnovabbli, nukleari, eċċ) u l-impatt ambientali ta' dawn. Din l-informazzjoni għandha tint-wera b'mod li tintiehem faċilment u tista' titqabbel.





## 7. Miżuri speċifiċi għall-protezzjoni tal-konsumatur, jekk inti klijent “vulnerabbi”

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali trid tiggarantilek id-dritt għal...*

*... inti tirċievi salvagwardji adegwati, jekk tkun definit bħala “klijent vulnerabbi” mir-regoli nazzjonali relevanti.*

L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu **l-kunċett ta’ klijenti vulnerabbi** fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, u jiżguraw li jkun hemm miżuri xierqa li jipproteġu lill-klijenti vulnerabbi. L-Istati Membri għandhom ċerta flessibbiltà meta jiddefinixxu klijenti vulnerabbi skont is-sitwazzjoni partikolari tagħhom stess iżda jridu jiżguraw li d-drittijiet tal-klijenti vulnerabbi jiġu infurzati u li l-faqar enerġetiku jiġi indirizzat minn miżuri xierqa.



## 8. Soluzzjoni faċli għall-ilmenti u għat-tilwim

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali trid tiggarantilek id-dritt għal...

... irreġistra lment mal-fornitur tal-gass jew tal-elettriku tiegħek u, jekk dan l-ilment ma jīgħix indirizzat b'mod li jissodisfak, ibqħat l-ilment tiegħek lil korp indipendenti għal soluzzjoni barra mill-qrati li ma tigħix tiswilek tħafna flus, tkun ta' malajr u ġusta.


Il-fornitur tal-elettriku u/jew tal-gass tiegħek irid jipprovdilek l-informazzjoni dwar kif tista' tirreġistra lment. Tista' **tirreġistra lment** mal-fornitur tal-gass jew tal-elettriku tiegħek u inti intitolat li tistenna standard għoli ta' servizz fil-mod kif il-fornitur jindirizza l-ilment tiegħek. Dan għandu jipprovdilek soluzzjoni malajr għat-tilwim u rimborż u/jew kumpens f'każ iġġustifikat. Jekk l-ilment tiegħek ma jīgħix indirizzat għas-sodisfazzjon tiegħek, għandek id-dritt ukoll li tibqħat l-ilment tiegħek lil **korp indipendenti għal soluzzjoni barra mill-qrati**, pereżempju ombudsman inkarigat mill-enerġija. Dawn l-għażiex ma jnaqqselek id-dritt li wara dan kollu tieħu l-każ tiegħek quddiem il-qorti.



## 9. Ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija tad-dar tiegħek

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali trid tiggarantilek id-dritt għal...

... ikseb l-informazzjoni dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-proprietà li tixtieq tixtri jew tikri.



Għandek id-dritt li tkun infurmat dwar kemm hemm użu effiċjenti f'proprietà meta tkun qed tfitteż post biex tixtrih jew tikri. Qabel ma tiffirma kuntratt għandek tirċievi **ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija** li jispjega l-klassifikazzjoni tal-proprietà fejn għandu x'jaqsam mal-użu effiċjenti tal-enerġija. Dan iċ-ċertifikat għandu jinkludi wkoll rakkmandazzjonijiet biex ittejjeb l-effiċjenza enerġētika ta' darek.




## 10. Punt ta' kuntatt nazzjonali dwar l-enerġija

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali trid tiggarantilek id-dritt għal...

... għandek post wieħed f'pajjiżek fejn tista' tagħmel kuntatt biex tikseb aktar informazzjoni dwar dawn id-drittijiet.

Jeħtieġ li jkollok aċċess f'pajjiżek għal **punt ta' kuntatt wieħed** minn fejn tkun tista' tikseb l-informazzjoni kollha li jkollok bżonn dwar id-drittijiet tiegħek tal-enerġija, dwar il-leġiżlazzjoni attwali u kif għandek taġixxi b'mod effettiv f'każ ta' tilwima mal-fornitur tal-gass jew tal-elettriku tiegħek.

Id-drittijiet tiegħek bħala konsumatur tal-enerġija fl-UE għandhom ikunu stabbiliti fil-liġijiet nazzjonali ta' pajjiżek. **L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali** huma fid-dmir li jgħinu biex jiżguraw li d-drittijiet tal-konsumaturi jiġu rispettati, u li l-konsumaturi jkunu protetti bi qbil mal-liġi tal-UE.



## **Biex issir taf iżjed dwar id-drittijiet tiegħek, ikkuntattja:**

### **Il-punt uniku ta' kuntatt f'pajjiżek**

#### **L-awtorità regolatorja f'pajjiżek**

<http://mra.org.mt/>  
Triq Aldo Moro  
Marsa - MRS 9065  
Malta  
Phone: +356 2295 5000  
Fax: +356 2295 5200  
Email: [enquiry@mra.org.mt](mailto:enquiry@mra.org.mt)

### **Sistema ta' riżoluzzjoni tat-til- wim barra mill-qrati stabbilita f'pajjiżek**

#### **Ombudsman**

<http://www.ombudsman.org.mt/?lang=mt>  
11, Triq San Pawl  
Valletta VLT 1210 Malta  
Tel: 2248 3200 Fax: 21 24 79 24  
Email: [office@ombudsman.org.mt](mailto:office@ombudsman.org.mt)  
Email: [pro@ombudsman.org.mt](mailto:pro@ombudsman.org.mt)

Għal aktar informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħek bħala konsumatur, ara L-Ewropa tiegħek ([http://europa.eu/youreurope/citizens/index\\_mt.htm](http://europa.eu/youreurope/citizens/index_mt.htm)) jew l-assoċjazzjonijiet għall-konsumaturi f'pajjiżek.

## **KIF GĦANDEK TAGħMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE**

### **Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:  
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:  
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea ([http://ec.europa.eu/represent\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/represent_mt.htm)),  
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE ([http://eeas.europa.eu/delegations/index\\_mt.htm](http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm)),  
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct ([http://europa.eu/europedirect/index\\_mt.htm](http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm))  
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (\*).

(\*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitkolbu ħlas).

### **Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

